Nru./No. 18,935
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju, 2012
Friday, 22nd June, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjoni tal-Gvern ..... 8599 - 8600
Government Notice ..... *8599 - 8600*

Avviżi tal-Qorti ..... 8601 - 8602
Court Notices ..... *8601 - 8602*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 683

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 82 tal-Att tal-2001 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tqis li il-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

Il-Bajja tal-Ġnejna

(ara l-pjanta f'paġna 8600), hija ta' importanza ekoloġika u xjentifika u fil-bżonn ta' konservazzjoni. L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skont Artikolu 82 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Għal skopijiet ta' konservazzjoni, il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

1. Ipparkjar ta' vetturi u karavans huwa pprojbit fl-*emergency conservation area*.

2. Drittijiet tal-aċċess eżistenti fl-*emergency conservation area* għandhom jibqgħu validi.

3. L-*emergency conservation area* taħt sorveljanza għandha tkun immonitorjata kontinwament *inter alia* permezz ta' *site post* temporanju.

4. Storbju eċċessiv u mużika għolja huma projbiti. Mużika mhux permessa bejn it-8.00 p.m. u t-8.00 a.m.

5. Ikkampjar, nirien, ħġejjeġ, *barbeques*, jew attivitajiet oħra organizzati ta' gruppi ta' aktar minn 25 persuna, mhumiex permessi fl-*emergency conservation area* fl-ebda ħin.

6. Annimali m'għandhomx jitħallew fl-*emergency conservation area* u annimali randaġi għandhom jiġu rrapurtati lil Awtorità minnufih.

7. *Offroading* mhux permess fl-*emergency conservation area*, skont ir-Regolament tal-1997 dwar *Offroading* minn Vetturi bil-Mutur (Avviż Legali 196 tal-1997).

8. Fl-*emergency conservation area* huwa permess li jsir biss tindif manwali tal-bajja. Tindif tal-bajja mhux permess fiż-żoni magħluqa mill-Awtorità jew il-Pulizija ta' Malta, u għandu jsir biss wara konsultazzjoni mal-Awtorità.

9. *Beach users* m'għandhomx jidħlu fiż-żoni magħluqa fl-*emergency conservation* fl-ebda ħin.

10. Ħofor kbar u fondi li jkunu għamlu *beach users* fl-*emergency conservation area* għandhom jimtlew qabel ma dawn jitilqu minn fuq is-sit.

11. L-Awtorità għandha tiġi mgħarrfa dwar traċċi jew osservazzjonijiet oħra li jindikaw attività tal-fkieren.

12. Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u l-Ambjenti Naturali (Avviż Legali 311 tal-2006), u tar-Regolamenti tal-1992 dwar il-Ħarsien tar-Rettili (Avviż Legali 76 tal-1992), id-disturb, qbid/ġbir, u teħid ta' bajd, frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar, kemm ħajjin jew mejtin, huwa projbit.

It-22 ta' Ġunju, 2012

GOVERNMENT NOTICE

No. 683

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Article 82 of the Environment and Development Planning Act 2010

The Malta Environment and Planning Authority believes that the following property, namely:

Ġnejna Bay

(as per plan on page 8600), is of ecological and scientific importance and is in need of conservation. The Authority is hereby issuing an emergency conservation order in respect of the above site as described thereto in accordance with Article 82 of the Environment and Development Planning Act.

For the purpose of conservation, the following conditions and provisions are to be applied:

1. Vehicular parking and use of caravans is prohibited in the emergency conservation area.

2. Any existing rights of way within the emergency conservation area shall remain.

3. The emergency conservation area under surveillance shall be monitored continuously *inter alia* by means of a temporary site post.

4. Excessive noise and loud music is prohibited. No music is allowed between 8.00 p.m. and 8.00 a.m.

5. Camping, campfires, barbeques, any other open fires, or any organized event of a group of more than 25 people are not permissible in the emergency conservation area at all times.

6. No animals shall be allowed in the emergency conservation area and any stray animals should be reported to the Authority at once.

7. Offroading is prohibited in the emergency conservation area as per the Motor Vehicles (Offroading) Regulations, 1997 (Legal Notice 196 of 1997).

8. Only manual beach cleaning is permitted in emergency conservation area. Beach cleaning is not allowed in the areas cordoned off by the Authority or the Malta Police Force, and shall only take place following consultation with the Authority.


9. Beach users shall not trespass any enclosures in emergency conservation area at all times.

10. Any large, deep holes left by beach users in the emergency conservation area shall be filled in before leaving the area.

11. Turtle tracks or observations of turtle activity should be immediately reported to the Authority.

12. Without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (Legal Notice 311 of 2006), and the Reptile (Protection) Regulations, 1992 (Legal Notice 76 of 1992), disturbance to, handling or capturing of turtle eggs, live or dead turtle hatchlings or adult turtles is prohibited.

22nd June, 2012


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:21240976 Fax:21224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E457483, N3972237
Max E458409, N3973070
Title :-
Emergency Conservation Order
Il-Bajja tal-Ġnejna
Ġnejna Bay
Key :-
Emergency Conservation Area
Ta' Żammite
Il-Bajja tal-Ġnejna
0
50
100
metres

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

1101

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-14 ta' Ġunju, 2012, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Awwissu, 2012 f'nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru mhux uffiċjali 5, fi Triq Santa Marija, il-Magħtab, in-Naxxar, li jikkonsisti f'maisonette fl-ewwel sular, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, stmat li jiswa mija u tletin elf ewro (€130,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' GRECH PAUL (K.I. 145966M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 91/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju, 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 14th June, 2012, on the application of BANK OF VALLETTA PLC, Thursday, 2nd August, 2012 at twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Tenement unofficially numbered 5, in Triq Santa Marija, Magħtab, Naxxar, consisting of a first floor maisonette, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, valued at one hundred and thirty thousand euro (€130,000).

The said tenement is the property of GRECH PAUL (K.I. 145966M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 91/11.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 20th June, 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1102

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-14 ta' Ġunju, 2012, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Awwissu, 2012 fil-11.30 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Garaxx internament immarkat bin-numru dsatax (19) f'kumpless ta' garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali, fil-livell lower basement, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet fuq żewġ livelli, b'żewġ entraturi, waħda fuq Triq San Ġorġ u l-oħra fuq Triq l-Erbatax ta' Novembru, ġjà Triq Ġdida fi Triq San Ġorġ, Santa Venera, liberu u frank, stmat li jiswa dsatax-il elf ewro (€19,000).

2. Garaxx internament immarkat bin-numru għoxrin (20) f'kumpless ta' garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali, fil-livell lower basement, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet fuq żewġ livelli, b'żewġ entraturi, waħda fuq Triq San Ġorġ u l-oħra fuq Triq l-Erbatax ta' Novembru, ġjà Triq Ġdida fi Triq San Ġorg, Santa Venera, liberu u frank, stmat li jiswa dsatax-il elf u sitt mitt ewro (€19,600).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' GRECH SEBASTIAN (K.I. 804550M).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 14th June, 2012, on the application of BANK OF VALLETTA PLC, Thursday, 2nd August 2012 at 11.30 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following properties.

1. Garage internally marked nineteen (19) situated in a complex of garages with no official number, at lower basement level, forming part of a complex of garages on two levels, with two entrances, one from Saint George Street and the other from Triq l-Erbatax ta' Novembru, formerly New Street in Saint George Street, Santa Venera, free and unencumbered, valued at nineteen thousand euro (€19,000).

2. Garage internally marked twenty (20) situated in a complex of garages with no official number, at lower basement level, forming part of a complex of garages on two levels, with two entrances, one from Saint George Street and the other from Triq l-Erbatax ta' Novembru, formerly New Street in Saint George Street, Santa Venera, free and unencumbered, valued at nineteen thousand six hundred euro (€19,600).

The said tenements are the property of GRECH SEBASTIAN (I.D. 804550M).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 83/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 19 ta' Ġunju, 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenements will be sold as described in the acts of file number 83/11.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 19th June, 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1103

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Clare Stafrace Zammit LLD), wara rikors preżentat minn Gordon Zammit fit-13 ta' Ġunju, 2012 (kumpilazzjoni Numru 207/2012) fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)
(Spettur Fabian Fleri)

Kontra:

GORDON ZAMMIT, 35 sena, perit, bin Carmel u Valerie xebba Meli, imwieled Attard fid-9 ta' Lulju, 1976 u residenti 134A, Flat 3, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 350876(M);

AWTORIZZAT lil Gordon Zammit jirtira s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħajn Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) għas-sena 2012 stante li dan huwa l-ammont li tistabilixxi l-liġi li m'għandux jiġi milqut bl-ordni ta' sekwestru fis-sena u dan ai termini tal-proviso tal-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istess pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet saret fit-28 ta' Frar, 2012 wara digriet mogħti mill-istess Qorti fit-22 ta' Frar, 2012 fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Gordon Zammit jew li huma proprjetà tiegħu.

Illum, 20 ta' Ġunju, 2012.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD
Assistent Reġistratur Qrati
u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 18th June, 2012 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dott. Clare Stafrace Zammit LLD) after an application filed on the 13th June, 2012 by Gordon Zammit (Compilation number 207/2012) in the case:

The Police
(Inspector Angelo Gafà)
(Inspector Fabian Fleri)

Versus:

GORDON ZAMMIT, 35 years, architect, son Carmel and Valerie nee' Meli, born in Attard on the 9th July, 1976 and residing at 134A, Flat 3, Triq it-Torri, Sliema and holder of Identity card number 350876(M).

ACCEDED to the request and authorized Gordon Zammit to withdraw the sum of thirteen thousand, nine hundred and seventy six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) for the year 2012 since this is the amount established in the law which is not be prejudiced by the attachment order, per year, this in terms of Article 5 (1) of Cap. 373 of the Laws of Malta.

The publication of this order is being published in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, following another publication made on the 28th February, 2012 after a decree of the same Court on the 22nd February, 2012 whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other moveable and immoveable property which may be due to or belonging to Gordon Zammit.

Today, 20th June, 2012.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD.
Assistant Registrar Criminal Courts
and Criminal Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*